MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 807/2002

**FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.**

**IMHALLEF:**

**ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.**

**Illum, it-Tnejn 27 t' Ottubru, 2003.**

**Kawza Nru: 1.**

**Citaz Nru: 807/02 JA.**

**Bromford Iron & Steel Co. (Med) Ltd.**

**-vs-**

**Goliath Developments Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fis-16 ta' Lulju, 2002 , li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta' konvenuta;

Illi fuq dan il-bejgh fadal bilanc pendenti dovut lis-socjeta' attrici ta' ghaxart elef sitt mija u tmienja u tletin Lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm10, 638.56) li s-socjeta' konvenuta ghadha ma hallsitx;

Illi ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta konvenuta baqhet inadempjenti;

Illi dan id-debitu tas-socjeta' konvenuta fil-konfront tas-socjeta' attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m' ghandiex eccezzjonijiet x' taghti;

Ghalhekk s-socjeta' attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm10,638,56;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dipensa tas-smiegh ai termini tal-Art 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestu pprezentat kontestwalment ma' dina c-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------